# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Erbgha 13 ta’ Gunju, 2001**

**Numru : 26**
**Citaz. Numru : 819/01/RCP**

**Park Hotel Limited**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-societa konvenuta hija debitrici tas-societa attrici fl-ammont ta' tmien t’elef mija erba u disghin liri Maltin u disa u disghin centezmi (Lm8,194.99) rappresentanti bilanc dovut wara servizzi resi mis-societa attrici lis-societa konvenuta skond statement hawn anness Dok A.

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas l-ammont dovut s-societa konvenuta ma hallset xejn

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu skadut u l-attur qieghed jippresenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B)

L-istess socjeta` attrici ghalhekk talbet li s-societa konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. tikkundanna, lis-societa konvenuta sabiex thallas lis-societa attrici s-somma ta' tmien t'elef mija erba u disghin liri Maltin u disa u disghin centezmu (Lm8,194.99) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

BI-ispejjes ikluzi dawk tal-mandat ta' qbid ppresentat kontestwalment, kontra s-societa konvenuta li hija minn issa ngjunta ghas-subizzjoni. BI-imghax.

Rat l-affidavit ta' Anthony Xuereb ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-

sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi:

2. tikkundanna, lis-societa konvenuta sabiex thallas lis-societa attrici s-somma ta' tmien t'elef mija erba u disghin liri Maltin u disa u disghin centezmu (Lm8,194.99) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

BI-ispejjes ikluzi dawk tal-mandat ta' qbid ppresentat kontestwalmen u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-societa konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**13 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**13 ta' Gunju, 2001**